MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 705/2003

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Central Asphalt Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas Lm181.44c (mija u wiehed u tmenin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu) rappresentanti hsarat minnha kkagunat lil propjeta' tas-socjeta' attrici.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn qalet li l-azzjoni hi nsostenibbli stante li ma hemmx talba ghad-dikjarazzjoni tar-responsabilita' ghall-allegati hsarat.

Li t-talba hi nfondata ghaliex il-hsarat ma gewx ikkagunati tort ta' xi nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta u fit-tielet

lok li l-ammont pretiz huwa wiehed esagerat u mhux gustifikat.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra li jirrisulta mid-dokument VB esebit a fol. 10 tal-process li s-socjeta' konvenuta nghatat permess sabiex taghmel xoghol fin-Naxxar. Mir-rapport tal-Pulizija jirrisulta li l-hsara grat meta impjegati tas-socjeta' konvenuta kienu qieghdin jahdmu u ntlaqtu diversi cables. Skond l-istess rapport Anthony Cauchi, foreman tas-socjeta' konvenuta qal li s-socjeta' attrici kienet ghamlet sinjal li kien madwar metru u nofs il-boghod u kien immejel u kull ma kien qieghed fil-fond huwa ta' madwar tlett pulzieri. Gorg Cassar qal lil Pulizija li kien qed jahdem bil-Hymac u incidentalment laqat il-cable.

Victor Busuttil ghas-socjeta' attrici xehed li s-socjeta' konvenuta kienet applikat ghal permess. Gie esebit l-applikazzjoni. Busuttil qal li l-cable tas-socjeta' attrici kien jidher u allura, skond hu, meta kien qed isir it-thaffir min ikun qed jahdem ikun jista' jara l-cable tas-socjeta' attrici.

Skond Busuttil is-socjeta' attrici kellha "drawing fejn kien il-cables". Il-cable ma jkunx go katusa izda jkun taht cangaturi. Skond il-permess min jahdem ghandu, skond il-kundizzjonijiet tal-permess, jahdem b'hand tools.

Illi l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi michuda billi f'dawn il-proceduri ma hemmx bzonn dikjarazzjoni tar-responsabilita.
Illi t-tieni eccezzjoni hi fis-sens li l-hsara ma garax minhabba xi nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta izda minhabba nuqqas da parti tas-socjeta' attrici.

Illi jirrisulta li s-socjeta' attrici taghat permess lis-socjeta' konvenuta sabiex isir xoghol fit-triqat in kwistjoni. Irrisulta li b'risultat tax-xoghol gew ikkagunati danni fil-cable tas-socjeta' attrici. Irrisulta mir-rapport tal-Pulizija li x-xoghol kien qed isir b'Hymac u dan meta skond il-permess ix-xoghol kellu jsir biss b'hand tools. George Cassar ikkonferma mal-Pulizija li hu kien qed jahdem fl-

imsemmija triq bil-Hymac fejn qabad jigbel bl-imsemmi Hymac u incidentalment laqat il-cable tal-Maltacom. Illi s-socjeta’ attrici kellha d-dover li tassikura li l-impjegati taghha juzaw hand tools fix-xoghol li kien qed isir fit-triqat fejn kellha l-permess li tahdem.

Illi skond Anthony Cauchi foreman tas-socjeta’ konvenuta s-sinjal li ghamlu l-Maltacom kien madwar metru u nofs il-boghod u kien immejel u kull ma kien qieghed fil-fond huwa ta’ madwar tlett pulzieri.

Illi l-hsara saret fi Triq il-Bjad. Fil-permess esebit hemm referenza ghal fatt li kien se ssir xoghol fi triq il-Bjad. Is-socjeta’ konvenuta ma cahditx li skond il-permess hi kellha tuza hand tools biss fix-xoghol. Illi t-Tribunal jikkonkludi li s-socjeta’ konvenuta kienet responsabbli ghad-danni billi kien nuqqas taghha li ma tassikurax li ssir xoghol b’hand tools biss. Illi l-fatt li l-cable seta ma kienx fil-fond kif kien qed tippretendi s-socjeta’ konvenuta ma tiskolpax l-istess socjeta’.

Illi t-tielet eccezzjoni hi fis-sens li l-ammont pretiz huwa esagerat u mhux gustifikat. Illi ma nghatax spjegazzjoni ghaliex is-socjeta’ konvenuta qieghda tippretendi l-kont huwa esagerat u gie esebit l-invoice. Kienet is-socjeta’ konvenuta li kellha d-dover tiggustifika l-pretensjoni taghha li l-ammont mitlub huwa esagerat. F’dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal jichad din l-eccezzjoni wkoll.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tas-socjeta’ konvenuta u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas Lm181.44c (mija u wiehed u tmenin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu) bl-imghax mid-data ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------